

3. L-Artikolu 15(1) u (4) tad-Direttiva 2003/86/KE [...] għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li fuq il-bażi tagħha permess ta' residenza awtonomu jista' jingħata biss b'effett mid-data tal-applikazzjoni?

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Oberlandesgericht Düsseldorf (il-Ġermanja) fis-  
17 ta' Mejju 2017 – Rhenus Veniro GmbH & Co. KG vs Kreis Heinsberg**

(Kawża C-267/17)

(2017/C 269/04)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Qorti tar-rinviju**

Oberlandesgericht Düsseldorf

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Rhenus Veniro GmbH & Co. KG

Konvenut: Kreis Heinsberg

**Domandi preliminari**

- 1) L-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1370/2007 <sup>(1)</sup> huwa applikabbli għal kuntratti pubbliċi għal servizzi, fis-sens tal-Artikolu 2(i) tal-imsemmi regolament, li għandhom jingħataw direttament u li, fis-sens tat-tieni sentenza tal-Artikolu 5(1) tar-Regolament, ma jidhux il-forma ta' kuntratti ta' konċessjoni ta' servizzi kif iddefiniti fid-Direttiva 2004/17/KE jew fid-Direttiva 2004/18/KE?

Jekk għall-ewwel domanda tingħata risposta fl-affermattiv:

- 2) L-Artikolu 2(b) u l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1370/2007 jipprevedu, minħabba l-użu tal-kelma "jew", kompetenza esklużiva ta' awtorità individwali jew ta' grupp ta' awtoritajiet, jew għandu jitqies li awtorità individwali tista' wkoll, skont dawn id-dispożizzjonijiet, tkun membru ta' grupp ta' awtoritajiet u tgħaddi lil dan il-grupp ċerti funzjonijiet, filwaqt li madankollu żżomm is-setgħa li tintervjeni, fis-sens tal-Artikolu 2(b), u tkun l-awtorità lokali kompetenti fis-sens tal-Artikolu 5(2) tar-Regolament Nru 1370/2007?
- 3) Sa fejn jeħtieġ li l-operatur intern jipprovdi huwa nnifsu l-parti l-kbira tas-servizz pubbliku tat-trasport tal-passiġġieri, il-punt (e) tat-tieni sentenza tal-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1370/2007 jeskludi li l-operatur intern jiżgura t-tweġiq tal-parti l-kbira ta' dan is-servizz permezz ta' kumpannija sussidjarja miżmuma minnu 100 %?
- 4) Il-kundizzjonijiet għal għoti dirett previsti fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1370/2007 għandhom ikunu ssodisfatti mal-pubblikazzjoni ta' proġett ta' għoti dirett skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1370/2007 jew biss mal-għoti dirett innifsu?

---

<sup>(1)</sup> Regolament (KE) Nru 1370/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-23 ta' Ottubru 2007, dwar servizzi pubbliċi tat-trasport tal-passiġġieri bil-ferrovija u bit-triq u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nri 1191/69 u 1107/70 (ĠU L 315, p. 1).

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Okresní soud v Českých Budějovicích (ir-Repubblika  
Ċeka) fid-19 ta' Mejju 2017 – Česká pojišťovna a.s. vs WCZ, spol. s r.o.**

(Kawża C-287/17)

(2017/C 269/05)

Lingwa tal-kawża: iċ-Ċek

**Qorti tar-rinviju**

Okresní soud v Českých Budějovicích